Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 406 / 2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Chiara Peresso**

Illum 22 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Chiara Peresso detentrici tal-karta tal-identita' numru 49374 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-18 ta' Lulju 2015 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa Triq Santa Marija, Ħal-Tarxien mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel xi ħaġa kontra l-Liġi iżda biss biex teżerċita dritt jew jedd li tippretendi li għandha ġiegħlet bl-awtorita tagħha nnifisha lil xi ħadd iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixklet lil Francis Bonnici fil-pussess ta' ħwejġu billi bidlet is-serratura tad-dar u b' hekk ostakolatu milli jagħmel użu minnha bi ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-16 t' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 (1) tal-Kodiċi Kriminali, għar-raġunijiet premessi sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha u fiċ-ċirkostanzi wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għamlet ordni li biha illiberat lil ħatja bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien xahar mill-llum. Il-Qorti iddikjarat wkoll li ai termini tal-Artikolu 22 (3) tal-Kapitolu

446 tal-Liġijiet ta' Malta hija fissret lill-ħatja, bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk tagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Chiara Peresso, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Novembru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u cioe dik mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-16 t' Ottubru 2018, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari, manifesti u jikkonsistu fis-segnwenti: -

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi.

Illi wiehed mill-elementi tar-ragion fattasi skond Carrara, huwa li jkollok a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi.

Illi minn hawn jibda l-apprezzament hazin ghaliex il-kwerelant ma kellu ebda dritt u dak li darba kellu kien tilfu, kif ser ikun spjegat.

Illi l-Ewwel Qorti taghmel referenza ghall-Cassazione Penale u tghid li l-Qorti timpunixxi lil "*chi si fa arbitrariamente*", haga li l-appellanti m' ghamlitx. L-appellanti, flimkien mal-kwerelant, iffirmat kuntratt fit-28 ta' Jannaar 2014, liema kuntratt

jifforma parti mill-atti, u liema kuntratt jghid "*should the husband cease to live there, then this would be tantamount to a tacit renunciation of his right of habitation in the said property*".

Illi sabiex din il-klawsola hawn fuq imsemmija tinghata aktar sens, l-appellanti ser tispjega kif u ghaliex saret din il-klawsola. Il-partijiet kienu mizzewgin izda l-komunjoni ta' l-akkwisti qatt ma gvernat iz-zwieg taghhom. L-appellanti kellha propjeta' parafernali taghha u cioe fond numru 3 Alley 4 Triq Santa Marija Tarxien u l-kwerelant, wara snin, xtara u akkwista b'self mill-Bank il-propjeta' bin-numru 2 Alley 4 Triq Santa Marija Tarxien.

Illi meta waslu ghas-separazzjoni, fond numru 2 ma kienx qieghed jithallas u ghalhekk, it-titolu ta' sid kien trasferit a favur l-appellanti li kompliet thallas id-dejn li kien hemm fuqha. Fuq il-kuntratt, il-partijiet qablu li s-sur Bonnici kellu jkollu d-dritt ta' abitazzjoni fil-fond numru 2, Alley 4 Triq Santa Marija Tarxien u addizzjonalment zdiedet il-klawsola fuq imsemmija u cioe li jekk ir-ragel jieqaf jirrisjedi hemmhekk, din tkun tfisser rinunzja ghal tali dritt.

Illi naturalment din il-klawsola ma nkitbitx sabiex izzejjen jew sabiex jimtela' l-kuntratt izda biex tintuza fil-kaz li jkun hemm il-htiega.

Illi rrizulta mill-provi li l-kwerelant kien telaq minn tali fond f' Jannar 2014 stess meta huwa mar jirrisjedi f' residenza ohra f' Tarxien stess. Sahansitra anke l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita' tieghu biddel, kif ukoll jirrizulta mill-provi. Gara' wkoll li f' April 2015 il-kwerelant telaq jghix Praga b' mod permanenti ghaliex, skond hu, anke xoghol kien sab hemmhekk.

Illi ghalhekk, skond il-kuntratt li tant huwa importanti f' dawn il-proceduri, din kienet tfisser rinunzja ghad-dritt tal-kwerelant li jabita fil-fond imsemmi. Dan id-dritt ta'

abitazzjoni li kellu l-kwerelant ma kienx wiehed assolut, imma kif tista' tapprezza din l-Onorabbli Qorti, dan kien wiehed limitat u soggett ghall-kundizzjoni.

Illi ghalhekk, l-appellanti ma hassitx il-bzonn u lanqas ma kien hemm il-htiega, li hija tirrikorri ghal Awtorita' kompetenti. Kuntratti, bhall-kuntratt ta' separazzjoni, li huma awtorizzati minn Qorti kompetenti, ghandhom l-istess import ta' decizjoni tal-Qorti, u ghalhekk, kif tista' l-Ewwel Qorti tghid li din ma kienetx bizzejjed?!

Illi kien ghalhekk li l-appellanti ma agixxietx arbitrarjament izda agixxiet taht il-kappa tal-kuntratt tas-separazzjoni iffirmat bejn il-partijiet.

Illi l-Ewwel Qorti taghmel referenza ghall-kawza civili li pprezentat l-appellanti. L-appellanti pprezentat din il-kawza fl-20 ta' Marzu 2015, u cioe aktar minn sena wara li kien iffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni. Din kienet ipprezentata mhux ghax l-appellanti kellha xi dubju fuq dak li jikkontjeni l-kuntratt tas-separazzjoni u xi jfisser (ghajr ghall-kwistjoni tal-manteniment li ghall-finijiet ta' dan l-appell hija kwistjoni totalment irrelevanti). It-talba msemmija saret biss wara karriera ta' atteggjament xejn xieraq li adotta l-kwerelant matul is-sena 2015. Fil-fatt dwar dan hemm diversi kawzi pendenti fejn l-istess kwerelant huwa akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Kif anke ghamlet accenn ghalihom l-istess Qorti ta' Prim Istanza, liema kawzi ghadhom mhux decizi ghas-semplici raguni li s-sur Bonnici qatt ma jkun prezenti. Din it-talba fil-kawza civili imsemmija ghaliex l-kwerelant donnu ma riedx jew ma setax jifhem il-kuntratt minnu stess iffirmat.

Illi inoltre, huwa minnu li l-kawza tkun saret mill-parti li f' isimha tkun infethet, izda fil-prattika, din il-parti tkun strahet fuq il-parir ta' l-avukat taghha u ghalhekk, l-appellanti thoss li mhux gust li hija tkun rinfaccjata b' din il-kawza fil-kamp penali. Hija thoss li l-unika haga li hemm cara hija l-kuntratt ta' separazzjoni u anke jekk stess l-kawza civili dahlet xi dubju f' mohh l-Ewwel Onorabbli Qorti, dan id-dubju kellu jmur favur l-appellanti.

Illi l-appellanti ssostni li hija qatt ma kellha l-mens rea li twettaq ir-reat ta' ragion fattasi, li wara kollox huwa wiehed mill-elementi bazici sabiex wiehed ikun jista' jinstab hati ta' reat. L-appellanti mhux biss hasbet li kellha dritt izda fil-fatt kellha dritt tbiddel is-sellatura.

Illi fi-sentenza ta' l-Ewwel Qorti jissemma' li Frank Bonnici rritorna lura Malta f' Lulju 2015. Fil-fatt, meta s-sur Bonnici gie Malta f' Lulju 2015, huwa gie ghall-btala u rega' mar lura lejn Praga. Jirrizulta wkoll mill-verbali fl-atti tal-kawza li l-kwerelant kemm-il darba ma kienx prezenti u ma kienx prezenti minhabba li kien assenti minn Malta. Il-kwerelant kien haseb li kellu dritt ta' abitazzjoni assolut u ghalhekk, meta jigi btala hawn Malta, kellu mohhu mistrieh li kien ser isib akkomodazzjoni minghajr hlas. Izda l-kuntratt ta' separazzjoni jipprova li l-kwerelant m' ghandux ragun u huwa pjuttost car dwar dan il-punt.

Illi l-appellanti, bid-dovut rispett, thoss li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata wkoll meta qalet "u fi kwalunkwe kaz kien ghad fadallu effetti personali fil-fond bhal ghamajjar, pjanijiet u mobbli ohra". Anke dwar dan il-kuntratt huwa car daqs il-kristall. F' dan il-kuntratt, il-partijiet iddikjaraw li huma sodisfatti bil-qasma kif saret, li hadu il-mobbli kollha li jappartjenu lilhom, u li m' ghandhom ebda pretensjoni izjed kontra xulxin. In oltre, bid-dovut rispett, ma hemm ebda prova fl-atti tal-kawza minfejn jirrizulta li l-kwerelant kien ghad fadallu effetti personali fil-fond in kwistjoni. L-interpretazzjoni tal-kuntratt in kwistjoni ma tistax tittiehed b' leggerezza, specjalment meta l-Qorti ghandha quddiemHa persuna akkuzata b' reat kriminali.

Illi rigward li z-zewg fondi kienu interkomunikati. Sa' minn dakinhar li sar il-kuntratt ta' separazzjoni, iz-zewg fondi kienu ben definiti bhala 2 Alley 4 u 3 Alley 4. Kien propju ghalhekk li fil-kuntratt tnizzel li l-appellanti kienet ser izzomm fond numru 3 (li minn dejjem kien taghha parafernali) u li kien ser ikun trasferit lilha l-fond numru 2 bi dritt ta' abitazzjoni a favur s-sur Bonnici bil-kundizzjoni imsemmija qabel. Illi

ghalhekk iz-zewg partijiet kienu jafu li tezisti distinzjoni bejn iz-zewg fondi. Fil-fatt anke ghal dak li jirrigwarda d-dar matrimonjali, l-partijiet u l-famija taghhom kienu jghixu gewwa l-fond parafernali ta' l-appellanti.

Illi ai finijiet ta' kjarezza, jghaqqad dawn iz-zewg propjetajiet kien hemm bieb principali. Meta wiehed kien jidhol minn dan il-bieb kien isib zewg bibien ohra; wiehed jaghti access ghall-propjeta' numru 2 u iehor ghall-propjeta' numru 3. Originarjament, l-kwerelant kien inghata access ghall-fond numru 2 u mhux ghal dak numru 3. L-uniku tibdil li sar sakemm il-kwerelant kien assenti kien biss li tnehha l-bieb principali u saru bibien godda ghaz-zewg propjetajiet, liema bibien godda tpoggew fl-istess post fejn kienu dawk ta' qabilhom. Meta s-sur Bonnico gie lura, dan ipprova jidhol fil-fond numru 3 u mhux fil-fond numru 2, fejn wara Jannar 2014, qatt ma kellu d-dritt illi jidhol.

Illi ghalhekk ukoll, l-appellanti tishaq li, iva, l-komparixxi kellha tkun cara u tispeciika n-numru ghaliex ghall-fond numru 3, propju fejn il-kwerelant ipprova jidhol, kif jirrizulta mix-xiehda tieghu stess, ma kellux access.

Illi l-appellanti taghmel referenza ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti u cioe "anke jekk gratia argomenti f' mohhha l-fond numru 3 kien taghha u l-fond numru 2 kien gie trasferit lilha bid-dritt tal-abitazzjoni favur Bonnici. jibqa' l-fatt li ladarba l-fond kienu interkomunikanti, bhala fatt, dawn ma jistghux jitqiesu bhala fondi separati"

Illi kif jirrizulta car, li hemm zewg fondi mhix l-immaginazzjoni fertili ta' l-appellanti izda huma hekk fil-fatt. Lappellanti ssostni, li dawn il-propjetajiet ma setghux jittiehdu bhala propjeta' wahda izda zewg fondi separati. Dawn kellhom zewg bibien separati u l-unika haga li kienet tghaqqadhom kien biss bieb principali (li llum tnehha) bhalma, wara kollox, jkun hemm fi blokka appartamenti. F' dan l-ezempju, jekk ikun hemm blokka appartamenti wahda, ma jfissirx li ma taghmilx distinzjoni bejn in-numru ta' fondi li jinsabu go fiha jew li tqis kull appartament b' numru differenti bhala wiehed.

Illi ghal dak suespost, l-appellanti thoss li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issibha hatja tar-reat ta' ragion fattasi.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2018 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali.

Ikkunsidrat.

**PS 285 G Cutajar** xehed bil-procedura tal-affidavit[1] u spjega illi nhar it-18 ta' Lulju 2015 kellu rapport minghand Francis Bonnici fejn dan stqarr li kien qed jahdem barra minn Malta u x'hin wasal id-dar fis-17 ta' Lulju 2015 sab li l-mara tieghu, Chiara Peresso li jinsab separat min maghha, biddlet is-serratura tad-dar meta skond l-kuntratt li kellhom huwa kellu access ghal din id-dar. Huwa tkellem mal-appellanti u din qaltlu li zewgha ma ghandu xejn hemm gew u fil-fatt kient fethet kawza civili fil-konfront tieghu peress li telaq mid-dar u mar jghix barra minn Malta.

Il-prosekuzzjoni esebiet kopja tal-okkorenza relattiva redatta mill-istess PS 285 Geoffrey Cutajar.

Rat il-kopja tar-rikros mahluf li ppezentat l-appellanti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu, 2015 u cioe' qabel ma l-parte civile ghamel ir-rapport tieghu l-ghassa tal-pulizija fejn fost affarijiet ohra talbet lil dik il-Qorti tvarja l-klawsola dwar l-kwisjtoni tal-access tal-parte civile ghad-dar gewwa Triq Santa Marija, Tarxien.

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni redatt min Nutar Clinton J. Belizzi prezentat fl-atti bhala dok CP1. F'dan il-kuntratt il-parte civile kien assenja lill-appellanti bhala sehmu mill-manteniment dovut lill- hames ulied taghhom u appuntu d-dar 2, alley 4, St Mary Street, Tarxien.[2] In oltre hemm ukoll indikat li l-appellanti qed taghti id-dritt ta' abitazzjoni lil zewgha l-kwerelanti ta' din l-istess dar purament ghall uzu personali tieghu, pero' hemm inkluz ukoll li l-partijeit jifthiemu li "*should the husband cease to live there, then this would be tantamount to a tacit renunciation of his right of habitation in this said property.*"

---

[1] Fol. 2 ta' l-atti

[2] Klawsola 3(b) tal-kuntratt tas-seprazzjoni. Fol. 13

**Francis Bonnici** xehed u kkonferma li kien ghamel rapport dwar il-fond The Burrow, Triq Santa Maria, Tarxien, il-fond fejn kellu l-affarijeit perosnali tieghu fosthom ghamajjar, pitturi u pjanijiet. Qal li kellu cavetta ta' dan il-sit u kien jidhol regolari biex jorqod. Qal li fit-18 ta' Lulju, 2016 mar biex jiftah il-bieb u sab li martu l-appellanti kienet biddlet is-serratura. Qal li hu gie priv mill-access li kellu mill-mara, l-appellanti. Stqarr li sabiex tidhol f'din id-dar bieb wiehed biss hemm. Anke issa li l-appellanti ghamlet parti mid-dar bhala guest house xorta mill-istess bieb pincipali tidhol.

**L-appellanti Chiara Peresso** spjegat bil-gurament taghha li hija kient mizzewga lill-parte civile u kienu isseparaw fit-28 ta' Jannar, 2014 permezz tal-kuntratt bonarju. F'dak il-kuntratt hemm imnizzel li kull parti ha l-affarijiet personali tieghu u huwa ghaddielha parti mid-dar li kienet tieghu bhala sehmu mill-manteniment dovut lill-hames ulied taghhom b'dan illi pero' hija tatu d-dritt ta' access ghal-abitazzjoni go parti mid-dar matrimonjali, pero' tispjega illi jekk l-parte civile jiddecidi li ma jibqax jghix hemm tali dritt jintemm. Qalet li zewgha mar jghix f'dar ohra u cioe' fil-fond 54, Simons Avenue, Tarxien u kien sahansitra anke idahhal l-istudenti mieghu jghixu. In oltre tghid li f'April 2015 telaq mil-pajjiz u ma baqax jghix Malta.

Spjega li sakemm zewghha baqa' jghix fid-dar matrimonjali hija ma bidlet l-ebda serratura anzi tghid li serratura qatt ma nbidlet. Qalet li hija ma baqghetx tghix hemm ghaliex kien jaggrediha u marret tghix ghand ommha. Wara li telaq mill-pajjiz, f' Gunju iddecidiet li iddawwar din id-dar bhala guet house. F'din id-dar la tghix hi, la jghix hu u lanqas uliedhom.

Mistoqsija kif taf li siefer tghid li l-parte civile ikkomunika ma binthom il-kbira li ghandha tlettax-il sena u qallha li kien imsifer. Fil-fatt tghid li ma kien qal lil hadd qabel ma telaq. Pero' f'Gunju kient irceviet email minghandu fejn qallha li kien gej Malta ghal ftit jiem u li ried igawdi t-tfal kemm seta f'dawn il-jiem. Qalet li f'Lulju 2015 gie u wara it-tfal regghu rawh fi Frar, 2016 meta rega gie Malta ghal-weekend u ghal darb ohra talabha li jkun jista' jara it-tfal. Qalet li llum il-gurnata zewghha jghix Praga mat-tfajla tieghu certu Marcela Haren Carlova.

Ikkonfermat li d-dar in kwistjoni ghandha zzewg bibien minn Gunju 2015 u dan ghaliex id-dar saret guest house. Dak iz-zmien l-kwerelanti kien gja telaq minn Malta ghaliex halla malta f'Jannar 2014.

**Roger Gatt** xehed u qal li huwa jahdem fl-iskola Easy School of Languages u jahdem fl-adminsitration taghha u stqarr li kien hemm xi zmien meta kien gie avvicinat mill-parte civile u talbu sabiex jkun 'host family' ta' l-istudenti u fil-fatt kienu baghtulu xi student bi prova. Jghid li pero' ftehim bil-miktub f'dan ir-rigward ma hemmx.

**Roberta Grech,** Assistant Principal ma l-Identity Malta xehdet u spjegat li bejn l-1 ta' Jannar 2013 sa Gunju 2016 l-kwereant Francis Bonnici ta' kara ta' identita numru 301865(M) kien ghamel zmien ighix fil-fond numru 2, Triq Santa Marija, sqaq numru 4, Tarxien u fit-28 ta' Jannar 2014 inbidel ghal The Gossip Village, 54 Vjal Simmons, Tarxien u fil-25 ta' Lulju, 2014 rega biddel l-indirizz tieghu ghal 3, The Barrow, Triq Santa Marija, Sqaq numru 4, Tarxien. Qal li fit-28 ta' Jannar 2015 l-appellanti kienet bagthtet complaint mgharufa bhala '*complaint by property owner*' fejn infurmathom li ma riditx li l-kwerelant jkun registrat fuq l-proprjeta' taghha.

**Malcolm Zerafa**, Senior Executive Inspector mal-Malta Tourism Authority ikkonferma li nhar is-27 ta' Jannar 2014 l-parte civile kien applika mal-Awtorita' sabiex jkun host family skond l-aplikazzjoni esebita fl-atti u markata bhala dok XH. Bhala indirizz huwa semma 54, Simmons Avenue, Tarxien u maghha esbixxxa kopja tal-karta ta' identita tiehu numru 301865(M) li tindika li kien registrat fuq dan l-istess indirizz[3]. Naturament dan ifisser li l-parte civile iddikjara li qed ighix hemmhekk u dan ghleix l-istudenti jkunu hosted minn dik il-familja u iridu jghixu maghhom. Qal li l-applikazzjoni kient giet endorced minn rappresentant ta' l-iskola li f'dan il-kaz kien Roger Gatt.

**Reuben Bonnici** rappresentant tal-ARMS ddikjara li l-meter tad-dawl fil-fond 54, Simmons Avenue, Tarxien ighajjat lil Francis Bonnici. Huwa pprezenta kopja tal-kontijiet li hargu fuq dan il-fond li huma datati mit-30 ta' Dicembru 2013 'l quddiem.

---

[3] Fol. 119 tal process.

Fl-atti giet esebita wkol ittra mibghuta minn Dr. Martin Fenech, l-avukat tal-kwerelanti lil Dr. Marita Tabone nhar l-15 ta' Settembru 2014 fejn infurmaha li l-patrocinat tieghu Francis Bonnici ta' 54 Simmonds Avenue, Tarxien kien hallas il-manteniment dovut ta' hames mitt euro (€500) ghax-xahar ta' Awwissu 2014 u li l-bilanc kien ser jtihalls fil-futur qarib.

Ikkunsidrat.

Illi f'din ilkawza l-parte civile qed issostni li huwa gie priv mid-dritt tieghu ta' abitazzjon u dan meta l-appellant qabdet u irrangaat id-dar fejn huwa kellu dritt ta' abitazzjni billi biditha f'guest house u cahditlu d-dritt tieghu li jaccedi l-istess fond minkejja dak stipualt fil-kuntratt pubbliku iffirmat bejneithom wara is-separazzjoni taghhom.

Jirrizulta li l-parte civile temmen li l-appellanti qabdet u hadet il-ligi b'idejha u fethet zewg bibien fid-dar li kienet matrimonjali bejnu u bejn l-appelanti u b'hekk huwa ma ghadx ghandu access ghal gewwa.

L-appellanti min naha l-ohra tghid li hija kienet marbuta bil-kundizzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni u cioe' li taghti access ta' abitazzjoni lil zewgha l-kwerelanti purche' jibqa' jghix hemm. Hija ssostni bil-provi imressqa minnha li huwa ma baqax jghix hemm tant li mar ighix post iehor Hal Tarxien u cioe' f Simmonds Street u in segwitu anke mar jghix gewwa Praga u ghahekk kellha kull dritt li tbiddel ic-cavetta u ma taghtix aktar l-access ta' abitazzjoni lil zewgha u dan ghaliex kien hu stess li rrinunzja ghal dan l-access b'mod tacitu bl-ghemil tieghu.

**Konsiderazzjoni tal-ligi**

Ir-reat addebitat lill-appellant huwa dak ta' ragion fattasi taht l-artikolu 85 tal-Kap. 9. L-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma, kif gie diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna:

(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra lopposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari[4], 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u
(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia[5], Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia[6]; **Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar**[7], ara wkoll Falzon, G., Annotazioni able Leggi Criminali (Malta),1872, p. 123).

Il-Qorti mhux ser tidhol fil-meritu sabiex tara jekk l-appellant kellhiex ragun tbiddel il-mod ta' access ghal din id-dar fi Triq il-Vittorja sqaq numru 2, Tarxien jew le ghaliex fil-ligi tagna r-reat ta' raggion fattasi mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra.

Dan l-artikolu jittutela l-pussess u mhux il-propjeta', dak li hu mehtieg hu li l-ko-possessuri jaghmlu kull wiehed minnhom uzu ragjonevoli mill-oggetti b'mod li ma jkunx jista' jinghad li wiehed qed jippriva lil iehor mid-dgawdija ragjonevoli ta' dak l-oggett, u dan ghaliex skond il-kuntratt ta' sperazzjoni l-appellanti tat id-dritt ta' access lill-parte civile zewghha. Veru li dan l-access kien marbut b'obbilgazzjoni tal-parte civile li jibqa' jghix fid-dar pero' dwar din l-obbilgazzjoni jidher li anke l-appellanti stess m'hix certa.

F'dan il-kaz, mhux kontestat li l-fond in kwisjtoni jappartjeni lill-appellanti pero lanqa mhu kontstat li l-kwerealnti tat id-drit ta' access ghall abitazzjoni personali lill-parte civile.

---

[4] Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is- 17 ta' Frar, 1995
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Settembru, 1996

F'dan il-kaz, kull ma trid taghmel l-Prosekuzzjoni f'dan t-tip ta' kawzi hu li tipprova li dak li ghamlet l-imputata ghamlitu biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandha. Id-dicitura tal-artikolu 85 tal-Kap 9 hija wahda cara hafna u l-legislatur certament ried li jigi evitat kull tfixkil hu ta' liema natura hu, anke fis-semplici pussess.

Illi ma hemmx dubju li id-dritt ta' access ta' abitazzjoni tal-part civile kien wiehed marbut mal-obbligu tieghu li jibqa jghix fir-residenza *de quo*. Jidher mid-dokumenti presentati u mix-xhieda moghtija li in effetti l-parte civile kien telaq mid-dar u abbanduna l-istess tant li mar jirrisjedi fil-fond f' Simmonds Street, Tarxien kif jirrizulta mill-fotokopja tal-karta ta' identita tieghu u wara xi zmien mar ukoll jghix Praga. Ghalhekk bhala fatt *ut sic* verament jirrizulta al menu sal grad tal-probabbli li ma baqax jghix hemm, pero' jirrizulta mill-atti u dan bid-dokument esebit mill-appellanti stess li hi stess ma kienitx konvinta mill-interpretazjoni li kellha taghti lill-kuntratt ta' seprazzjoni iffirmat minnha u dan ghaliex waslet biex intavolat kawza ohra quddiem il-Qorti tal-familja proprju sabiex din il-klawsola dwar l-access moghti lill-parte civile tigi kjarifikata u jkollha direzjoni mill-Qorti dwar l-interpretazzjoni taghha. Ghalhekk b'dak li ghamlet l-istess appellanti u cioe' li fitxxet l-ghajnuna tal-Qorti hi stess tacitament qed tammetti li ma kellhiex taqbad u tbiddel l-access tal-fond qabel ma jkun hemm sentenza minn dik il-Qorti. Filwaqt li jirrizulta li in realta prima facie huwa minnu li l-parte civile abbanduna d-dar matrimonjali, l-appellanti ma kienitx sodisfatta tant li intavolat procedura l-qorti u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi messha l-ewel stenniet l-esitu ta' dawk il-proceduri una votla intavolati u mhux qabdet u hadet il-ligi b'idejha u biddlet id- dar matrimonjali ghal-guest house u b'hekk a sua sponte ipprivat l-access li kellu l- parte civile .

Sabiex jissusisti ir-reat ta' raggion fattasi l-erbgha elementi fuq imsemmija iridu jkunu prezenti lkoll flimkien. Jirrizulta li f'dan il-kaz l-appellanti ghamlet is-segwenti:

1. Ghamlet att estern li u cioe' bidlet il-manjera tad-dhul ghad-dar u b'hekk spoljat lill-parte civile zewgha mid-dritt ta' access ghall abitazzjoni li kellu liema att gie esegwit kontra l-opposizzjoni presunta tieghu.

2. Dan l-att ghamlitu bil-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt ghaliex fil-fehma taghha una volta kien abbanduna id-dar ma kellux aktar id-drit ta' abitazzjoni.
3. Li l-att li ghamlet 'di private braccio' u cioe sar minnha u bla awtorita' tal-Qorti.
4. Dan kollu sar b'nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza kif moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier taghha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur